# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Tlettax (13) ta’ Jannar 2022**

**Rikors Numru 417/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Hashim Kuduzovic (ID 81748A)**

**Vs**

**Fatima Zahra Zeroual**
**(Karta tal-Identita’ Marokkina AD 51755)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 3 ta’ Mejju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi din hija kawża fejn l-attur qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li s-sentenza pronunzjata mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk tat-28 ta' Novembru 2016 li ġiet konfermata fl-24 ta' Mejju 2017 mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, u li l-konvenuta Fatima Zahra Zeroual qiegħda tittenta teżegwixxi f’Malta permezz tar-rikors fl-ismijiet inversi numru 1009/2017SM, m'hijiex rikonoxxibbli mill-ordinament Malti u għalhekk hija nulla u inattendibbli, u dan inter alia minħabba li l-istess sentenza ġiet ottenjuta b'qerq fejn l-attur qatt ma kien ġie notifikat bl-istess proċeduri u fejn il-konvenuta għamlet diversi dikjarazzjoni mhux veritieri u dan kollu a dannu tal-attur.*

2. *Illi l-partijiet kienu żżewġu fil-25 ta' Diċembru 2009 ġewwa l-Marokk.*

3. *Illi inqas minn sena wara, il-partijiet ma baqgħux jgħixu flimkien, u sseparaw de facto.*

4. *Illi l-attur sar jaf li l-konvenuta fetħet kawża kontra tiegħu ġewwa Malta fl-ismijet "Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic" (rikors ġuramentat 1009/2017 SM) fejn l-istess Zahra Zeroual qiegħda titlob li teżegwixxi ġewwa Malta sentenza tat-Trial Court ta' Rabat (Marokk) tat-28 ta' Novembni 2016 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat (Marokk) fl-24 ta' Mejju 2017. Kopja ta' dan ir-rikors (bid-dokumenti huwa anness Dok HK1.*

5. *Illi fl-istess sentenzi l-konvenuta ottjeniet inter alia manteniment ta' 10,000 dirham fix-xahar bħala manteniment u 200,000 euro bħala dota.*

6. *Illi l-attur qiegħed jikkontesta l-istess kawża 1009/2017 SM, fejn l-attur lanqas biss kien jaf bis-sentenzi tal-Qrati tal-Marokk qabel ma rċieva l-kawża 1009/2017 SM, fejn b'kull rispett is-sentenzi tal-Qrati tal-Marokk ġew immexijin mill-konvenuta b'mod qarrieqi u bi frodi għad-drittijiet tal-attur.*

7. *Illi l-esponent sar jaf bil-proċeduri rigward id-dota u manteniment li ntavolat l-konvenuta ġewwa l-Marokk u li ġew deċiżi fl-24 ta' Mejju 2017, biss permezz tar-rikors 1009/2017SM.*

8. *Illi l-attur qatt u qatt ma ġie notifikat bil-proċeduri ġewwa l-Marokk mertu tal-kawża 1009/2017SM u ma kienx jaf bl-istess proċeduri. Illi kieku kien jaf bihom, l-attur kien ċertament jopponi għat-talbiet inter alia għad-diversi raġunjiiet hawn esposti.*

9. *Illi l-attur ma jirrisjedix u ma kienx jirrisjedi ġewwa l-Marokk, fejn għalhekk il-Qorti tal-Marokk ma kellhiex ġurisdizzjoni fuq l-attur għaliex la kien residenti jew domiċiljat hemm u wisq anqas issottometta ruħu għal ġurisdizzjoni tagħha.*

10. *Illi minkejja dan kollu, jirriżulta mid-dokumenti preżentati mill-konvenuta stess fil-kawża 1009/2017 SM (senjatament Dok C u Dok D), li l-konvenuta indikat indirizz ġewwa l-Marokk ossija l-indirizz tal-konvenuta stess bħala l-indirizz tal-attur, meta kienet taf ben tajjeb li l-attur ma kienx jgħix ġewwa l-Marokk u dan kif dikjarat mill-konvenuta stess f'dawk l-istess proċeduri.*

11. *Illi għalhekk huwa ċar li s-sentenzi li qiegħda tipprova teżegwixxi l-konvenuta fil-kawża 1009/2017 SM huma vizzjati u ma jistgħux jiġu*

*enforzati f'Malta u dan fejn ai termini tal-Artikolu 827(l)(b) tal-Kap 12, jekk is-sentenzi ngħataw fil-kontumaċja tal-attur, l-attur ma seta' qatt ikun kontumaċi stante li hu qatt ma ġie debitament notifikat skont il-liġi bil-kawżi li nfetħu kontrih ġewwa l-Marokk. Oltre hekk, huwa ċar ukoll li s-sentenzi huma vizzjati ai termini tal-Artikolu 827(l)(a) tal-Kap 12 b'referenza għall-Artikolu 811(b) tal-Kap 12, fejn il-kawżi qatt ma ġew notifikati lill-attur u fejn l-attur qatt ma deher fl-istess proċeduri ġewwa l-Marokk.*

12. *Illi oltre hekk, f'dak li jirrigwarda d-dota, is-sentenzi tal-Qorti tal-Marokk ma jistgħux jiġu enforzati taħt il-liġi Maltija, stante li l-istess istituzzjoni m'għadhiex teżisti u hija llum kuntrarja għall-ordni pubbliku u/jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, u għalhekk is-sentenzi f'dak li jirrigwarda d-dota qatt ma jistgħu jiġu enforzati ġewwa Malta ai termini tal-Artikolu 827(l)(c) tal-Kap 12.*

13. *Illi apparti hekk, il-konvenuta għamlet diversi dikjarazzjonijiet foloz u ommissjonijiet ta' fatt fil-proċeduri ġewwa l-Marokk li qiegħda tipprova teżegwixxi ġewwa Malta, fejn inter alia:*

    (a) *M'huwiex minnu dak dikjarat mill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Marokk (u ta' Malta) dwar l-introjtu tal-attur fejn iddikjarat li l-attur jagħmel introjtu ta' EUR 20,000 fix-xahar. U li filwaqt li l-attur kien jagħmel dan l-introjtu fl-2009, il-konvenuta kienet taf ben tajjeb li l-attur m'għadux jipperċepixxi l-istess introjtu stante li huwa kien jagħmel xogħol ġewwa l-Libja, liema xogħol ġie fix-xejn fi Frar 2011 minħabba s-sitwazzjoni prekarja ġewwa l-Libja, u dan kif konfermat mill-ittri annessa u mmarkati Dok HK2 u Dok HK3. Illi l-konvenuta kienet tajjeb dwar dan il-fatt u żvijat lill-Qorti tal- Marokk, liema dikjarazzjoni ċertament kellha influwenza kbira fir-rigward tal-manteniment li talbet.*

    (b) *Illi oltre hekk, jidher illi l-konvenuta konvenjentement naqset fil-kawżi li ntavolat ġewwa l-Marokk milli issemmi li għandha assi u introjtu personali sostanzjali. Illi l-konvenuta taħdem bħala 'commercial manager', u oltre hekk għandha assi li jagħtuha ntrojtu tajjeb, fosthom fejn il-konvenuta qiegħda tikri ż-żewġ appartamenti msemmijin f'din il-kawża u żżomm l-introjtu esklussivament għaliha. Illi ċertament li dawn ukoll kienu fatti rilevanti ħafna rigward il-manteniment.*

    (c) *Illi fil-kawżi li fetħet il-konvenuta ġewwa l-Marokk, naqset ukoll milli ssemmi s-somom sostanzjali li ħadet mingħand l-attur li kienu rilevanti kemm fir-rigward tat-talba għall-manteniment u dik għad-dota, fosthom:*

i. *Il-karozza Range Rover li l-konvenuta nxtrat minn flejjes tal-attur għall-ammont ta' EUR 83,036.46, kif jidher mill-irċevuta annessa Dok HK4, liema karozza ġiet intestata unikament fuq isem il-konvenuta u fejn il-konvenuta baqgħet tgawdi din il-karozza personalment.*

ii. *L-appartament ġewwa l-Marokk għal 4,000,000 dirham Marokkina (dak iż-żmien ċirka EUR 420,000 kif jidher mit-trasferiment ta' fondi Dok HK5), liema appartament tħallas unikament minn flejjes tal-attur iżda li preżentement huwa intestat f'isem il-konvenuta, li sar ukoll b'mod qarrieqi kif spjegat ulterjorment f'dan ir-rikors.*

iii. *L-attur kien għadda s-somma ta' EUR 150,000 lill-konvenuta (kif jidher mit-trasferiment ta' fondi Dok HK6) liema flejjes intużaw mill-konvenuta sabiex tixtri appartament unikament fuq isimha u fejn il-konvenuta qiegħda tikri dan l-appartament u tagħmel introjtu minnu.*

iv. *L-attur għadda diversi somom oħra lill-konvenuta fosthom EUR 20,000 u EUR 10,000, kif jirriżulta mit-trasferimenti ta' fondi Dok HK7 u Dok HK8.*

*Din il-lista hija apparti ammonti oħra li 1-attur għadda lill-konvenuta mill-assi tiegħu personali, inkluż id-dota sostanzjali li l-attur ħallas fuq iż-żwieġ. Minkejja dan, fil-kawżi li fetħet, il-konvenuta naqset milli ssemmi dawn l-ammonti li ġew mgħoddija lilha.*

14. *Illi s-sentenzi li ottjeniet il-konvenuta kontra l-attur (Dok C u Dok D fil-kawża 1009/2017 SM) huma biss kontinwazzjonijiet tal-aġir għal kollox frawdolenti tal-konvenuta, fejn qiegħed jirriżulta ċar li l-konvenuta daħlet fl-imsemmi żwieġ unikament sabiex tisraq lill-attur, u l-attur sar anke jaf li l-attriċi lagħbet din il-logħba ma' tal-inqas żewġ irġiel oħra qablu.*

15. *Illi fil-fatt fuq il-kuntratt ta' żwieġ, l-attur ma ġiex assistit minn traduttur u jirriżulta li dak li tniżżel fil-kuntratt qatt ma ġie maqbul bejn il-partijiet (kopja tal-kuntratt taż-żwieġ annessa Dok HK9). Illi ċertament li qatt ma ssemmiet is-somma ta' EUR 200,000 bħala dota, fejn id-diskors dejjem kien fuq il-munita dirham tal-Marokk li jiġi ammont ferm inqas. Id-differenza bejn 200,000 dirham tal-Marokk u 200,000 euro hija sostanzjali, fejn 200,000 dirham tal-Marokk kienu ekwivalenti għal ċirka 17,500 euro fl-2009.*

16. *Illi anke fir-rigward tal-appartament ta' 4,000,000 dirham, minkejja li dan inxtara unikament minn flejjes tal-attur u kien ser jiġi ntestat f'isem*

*il-partijiet flimkien, jirriżulta li l-appartament ġie ntestat unikament f'isem il-konvenuta, u dan b'mod frawdolenti u ċertament mhux kif miftiehem.*

17. *Illi fil-fatt l-attur kien diġa' intavola proċeduri fl-2011 ġewwa l-Marokk sabiex jikkontesta l-kuntratt ta' żwieġ u l-kuntratt ta' trasferiment tal-appartament ta' 4,000,000 dirham, liema proċeduri għadhom pendenti, u dan kif jirriżulta mill-annessi dokumenti Dok HK10, Dok HK11, Dok HK12, Dok HK13, Dok HK14 u Dok HK15.*

18. *Illi dan m'hu xejn għajr aġir qarrieqi da parti tal-konvenuta, fejn il-konvenuta daħlet fiż-żwieġ unikament sabiex jisraq lill-attur, u għalhekk l-attur sejjer jieħu l-passi neċessarji sabiex jikkawtela u jħares id-drittijiet tiegħu.*

19. *Illi għalhekk in vista ta' dak suespost, is-sentenzi tal-Qrati tal-Marokk tat-28 ta' Novembru 2016 u tal-24 ta' Mejju 2017 huma vizzjati ai termini tal-Artikolu 827(1 )(a) tal-Kap 12 b'referenza għall-Artikolu 811(a), fejn is-sentenzi ttieħdu b'qerq tal-konvenuta bi ħsara tal-attur, fosthom fir-rigward tan-nuqqas ta' notifika, fir-rigward tal-kuntratt ta' żwieġ li ma sarx kif maqbul, fir-rigward tal-pagamenti sostanzjali li l-attur kien għamel lill-konvenuta li naqset milli ssemmi l-konvenuta u fir-rigward tal-fatt li l-attur m'għadux jipperċepixxi l-introjtu msemmi mill-konvenuta, u dan kif ser jiġi spjegat u pruvat ulterjorment fil-mori tal-kawża odjerna.*

20. *Illi difatti in vista ta' dan kollu, l-attur intavola wkoll proċeduri ġewwa l-Marokk sabiex jimpunja s-sentenzi li ġew miġjuba kontrih bl-iktar mod qarrieqi da parti tal-konvenuta, u dan kif jirriżulta minn Dok HK15 u Dok HK16.*

21. *Illi għalhekk in vista ta' dan ukoll, ma jeżisti ebda res judicata ai termini tal-Artikolu 826 tal-Kap 12, u dan stante li hemm proċeduri tal-appell ġewwa l-Marokk fejn qegħdin jiġu kkontestati s-sentenzi mertu tal-kawża 1009/2017SM, liema sentenzi għalhekk m'humiex sentenzi finali.*

22. *Illi għalhekk l-attur qiegħed jintavola dawn il-proċeduri sabiex jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li s-sentenzi pronunzjata mill-Qorti tal-Marokk ma jistgħux jiġu rikonnuxuti mill-ordinament Malti u dan għar-raġunijiet kollha suesposti.*

*Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-sentenza pronunzjata mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk tat-28 ta' Novembru 2016 li ġiet konfermata fl-24 ta'*

*Mejju 2017 mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk, m'hijiex rikonoxxibbli mill-ordinament Malta u għalhekk hija nulla u inattendibbli ai finijiet u effetti kollha tal-liġi ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, u b'riżerva għad-drittijiet kollha spettanti lill-attur, fosthom għad-danni.*

2. Rat illi fid-19 ta' Novembru 2018, l-intimata ġiet notifikata bl-affissjoni (fol 131) bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Novembru 2018 (fol 132) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent fis-16 ta' Jannar 2019. (fol 136)

3. Rat illi fl-20 ta' Frar 2019, quddiem Qorti diversament ippresjeduta, l-intimata kienet kontumaċi w il-kawża pproċediet għall-provi.

4. Rat l-affidavit ta' Hashim Kuduzovic ippreżentat fit-30 ta' April 2019.

5. Rat illi fid-19 ta' Ġunju 2019, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għarrfu lill-Qorti diversament ippresjeduta illi ser jitolbu li l-kawża tiġi konnessa mal-kawża 1009/2017 FDP, mismugħa minn dina l-Qorti kif ippresjeduta, u fil-11 ta' Frar 2020, il-kawża ġiet mibgħuta quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex timxi mal-kawża 1009/2017 FDP.

6. Rat illi fil-15 ta' Diċembru 2020, il-konsulent legali ta' l-intimata għarraf lill-Qorti li l-intimata tgħix barra minn Malta u qatt ma setgħet tiġi notifikata f'Malta, bir-riżultat li kellhom jitqabbdu Kuraturi, u għalhekk il-Qorti ordnat sabiex jinbdew il-proċeduri tal-ħatra ta' Kuraturi Deputati.

7. Rat illi fid-9 ta' Marzu 2021, l-intimat ippreżentat rikors sabiex tiġi awtorizzata tilqa' n-notifika u tippreżenta l-eċċezzjonijet tagħha, liema talba ntlaqgħet fl-24 ta' Marzu 2021.

8. Rat ir-risposta ta' Fatima Zahra Zeroual ippreżentata fis-6 ta' April 2021, fejn laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

***<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>***

***Illi**, l-mertu u t-talba dedotti fir-rikors promotur jittrattaw l-istess materja li tinsab fil-qalba tar-rikors promotur Nru 1009/2017FDP fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic, l-istess partijiet bħal dawk f'din il-kawża, tant li din l-Onorabbli qorti ordnat sabiex din il-kawża tiġi rikjamata quddiemha sabiex tinstema' kontestwalment mal-kawża Nru 1009/2017FDP.*

***Illi**, fil-fatt ir-rikorrent ma messux ippreżenta din il-kawża separata dwar l-istess suġġett, u bl-istess partijiet involuti, mingħajr ma stenna l-eżitu tal-kawża pendenti, jew inkella semmai messu minflok ippreżenta kontro-talba għar-rikors ġuramentat tal-kawża Nru 1009/2017FDP;*

***Illi**, inoltre, l-intimata tirrimarka li r-rikors ġuramentat ta' din il-kawża odjerna ma huwa bbażat fuq l-ebda dispożizzjoni tad-dritt nostran, u għalhekk ma għandu l-ebda bażi legali fuq xiex jista' jserraħ. Fil-fatt qiegħed sempliċiment jitlob in-negazzjoni tal-eżerċizzju ta' dritt ta' ħaddieħor (ossia li l-intimata titlob l-eżekuzzjoni ta' sentenza estera);*

***Illi**, għaldaqstant u b'mod preliminari, l-intimata teċċepixxi li dan ir-rikors ma għandux jinstema'.*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>***

***Illi** minn punt 6 sa 11, ir-rikorrent jisħaq li ma ġiex debitament innotifikat bil-kawża li nqatgħet kontrih fil-Marokk, ossia l-istess kawża li huwa qiegħed jittenta jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjaraha bħala mhux rikonoxxibbli u għalhekk nulla u inattendibbli għall-finijiet kollha tal-liġijiet ta' Malta, jiġifieri s-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016 (nru 176/1620/2016), mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk fl-ismijiet "Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant", li ġiet ikkonfermata b'sentenza oħra tal-24 ta' Mejju, 2017 nru 63/1606/2017), tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk;*

***Illi** dan l-argument diġà sar mir-rikorrent stess fil-ġurisdizzjoni Marokkina, meta nhar is-27 ta' Diċembru 2017 intavola r-ritrattazzjoni (nru 47/1622/2018) quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Rabat, tas-sentenza suċċitata tal-24 ta' Mejju, 2017;*

***Illi** din ir-ritrattazzjoni (nru 47/1622/2018) ġiet konkluża permezz ta' sentenza tas-26 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti tal-Appell ta' Rabat ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenzi preċedenti;*

***Illi**, minkejja li fil-punti 9 u 10 tar-rikors ġuramentat tiegħu r-rikorrent jistqarr li "ma jirrisjedix u ma kienx jirrisjedi ġewwa l-Marokk, fejn għalhekk il-Qorti tal-Marokk ma kellhiex ġurisdizzjoni fuq l-attur għaliex la kien residenti jew domiċiljat hemm u wisq anqas issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tagħha", u li "l-attur ma kienx jgħix ġewwa l-Marokk" huwa r-rikorrent innifsu li f'Dok HK10, Dok HK12 Dok HK 13, Dok HK14 annessi mar-rikors promotur tiegħu jiddikjara li huwa jirrisjedi fir-Rabat, il-Marokk, u għalhekk qiegħed b'mod pjuttost inkredibbli jiskredita lilu nnifsu bl-istess dokumenti;*

***Illi** f'punt 12 tar-rikors promotur ir-rikorrent jittenta jargumenta li peress li d-dota hija kuntrarju għall-ordni pubbliku u/jew il-liġi pubblika ta'*

*Malta mela allura s-sentenzi inkwistjoni ma jistgħu qatt jiġu eżegwiti ġewwa Malta f'dak li jirrigwarda d-dota. F'dan ir-rigward l-intimata tissottometti umilment li l-fatt li xi ħaġa ma tibqax parti mid-dritt nazzjonali (bħad-dota f'dan il-każ) ma jfissirx li tkun kuntrarja għall-ordni pubbliku u/jew għal-liġi pubblika tal-pajjiż, u li dan l-argument huwa frivolu għaliex xejn ma jżomm lil din il-Qorti milli tapplika l-liġi dwar id-dota kif tinsab applikata f'ġurisdizzjoni barranija;*

***Illi** f'punt 13 ir-rikorrent jinsinwa li l-intimata għamlet dikjarazzjonijiet foloz u omissjonijiet ta' fatt fil-kawżi Marokkini suċċitati. Mingħajr diskussjoni fil-mertu ta' dawn l-akkużi foloz, l-intimata umilment tirrimarka li din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex il-kompitu li tidħol fil-merti ta' kawża estera li ġiet deċiża fil-forum xieraq esteru, u li kieku r-rikorrent tassew kellu provi biex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu seta' jagħmel dan quddiem il-qrati Marokkini, xi ħaġa li baqa' qatt ma għamel;*

***Illi** fil-punti 14 sa 20 tar-rikors promotur, ir-rikorrent jelenka diversi akkużi oħra foloz dwar allegat qerq u aġir frawdolenti daparti tal-intimata;*

***Illi** f'dan ir-rigward l-intimata tirrileva wkoll li r-rikorrent qiegħed jagħmel allegazzjonijiet foloz, kif ukoll ġie konkluż fi proċeduri li fetaħ huwa stess fil-Marokk, ossia:*

*i) l-ilment Nru 1890/P/11 li fetaħ nhar is-7/10/2011 quddiem il-prosekutur tat-Trial Court ta' Rabat dwar il-falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali u frodi (li fir-rigward tiegħu ma ttieħdet l-ebda azzjoni ulterjuri);*

*ii) L-ilment mal-pulizija f'Fez li eżaminaw l-allegazzjoni ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali, frodi u kollaborazzjoni mal-frodi. Il-pulizija fil-fatt mexxew il-każ quddiem maġistrat li, permezz tad-deċiżjoni Nru 380/2016 warrab l-akkużi;*

*iii) Din id-deċiżjoni suċċitata ġiet appellata mid-dipartiment tal-prosekutur quddiem l-Awla Kriminali tal-Qorti tal-Appell ta' Fez, liema appell ġie miċħud permezz tad-deċiżjoni Nru 582 tal-Awla Kriminali tal-Qorti tal-Appel ta' Fez (kawża numru 538/2525/2018, li kkonfermat id-deċiżjoni preċedenti tal-maġistrat);*

*iv) Ilment quddiem il-prosekutur pubbliku tar-Rabat, il-Marokk, li ġie miċħud abbażi ta' "ċaħda u nuqqas ta' evidenza" (deċiżjoni numru 92/3201/2016);*

***Illi** d-Dokument hawn anness u mmarkat **Dok MHH**, intitolat "Summary of Procedure Stages of the Litigation", ippreparat mill-avukat Hafida Marzouk Houles, avukat akkreditata mal-Qorti ta' Kassazzjoni fil-Marokk, u tradott għall-Ingliż minn Jaoiad Mahfoudi, jispjega f'iktar dettall dak indikat hawn fuq. Iżda ta' min isemmi li peress li dan id-dokument ġie redatt fl-2019, meta kienet għadha ma ġietx deċiża r-ritrattazzjoni Nru 47/1622/2018, u għalhekk l-awtriċi tiegħu tgħid li dik ir-ritrattazzjoni kienet għadha għaddejja (attwalment ġiet deċiża fis-26 ta' Frar 2020, kif spjegat iktar 'il fuq).*

***Illi**, finalment, hija infondata wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma hemmx res judicata għas-sentenza datata 28 ta' Novembru, 2016, mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat fil-Marokk fl-ismijiet "Mrs Fatima Zahra Zeroual residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad having as proxy Mrs Hafida Marzoul Rsq., attorney at the Bar of Rabat, plaintiff vs. Mr Hashim Kuduzovic, residing in Avenue Nakhil, Residence Hasnaa, Apt. 7, Hay Riad, Rabat, defendant", li ġiet ikkonfermata b'sentenza oħra tal-24 ta' Mejju, 2017, tal-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk. Dan għaliex, inter alia, li wara li r-rikorrent ikkontesta din l-aħħar sentenza, hija ġiet xorta waħda finalment ikkonfermata saħansitra fuq ritrattazzjoni mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat fil-Marokk fis-26 ta' Frar 2020;*

***Illi** għal dawn l-eċċezzjonijiet, inkluż l-eċċezzjonijiet preliminari indikati iktar 'il fuq, it-talba tar-rikorrent ma għandhiex tintlaqa'.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, b'riżerva għad-drittijiet kollha spettanti lill-intimata, fosthom għad-danni.*

9. Rat illi fit-22 ta' April 2021, il-partijiet qablu illi l-provi miġbura fil-kawża 1009/2017 FDP japplikaw ukoll għall-proċeduri odjerni.

10. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2021, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

11. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentati fis-16 ta' Novembru 2021.

12. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata ippreżentata fl-atti tal-kawża 1009/2017 FDP u applikabbli għall-proċeduri odjerni.

13. Rat ili fis-16 ta' Novembru 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

14. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni vasta eżebita mill-partijiet, illi huma kienu miżżewġin ġewwa il-Marokk fil-25 ta' Diċembru tas-sena 2009.

15. Jirriżulta illi l-intimat, Hashim Kuduzovic ma ħallasx manteniment lir-rikorrenti martu u ma ħallasx il-bilanċ tad-dota li kien intrabat iħallas maż-żwieġ, u għalhekk, fl-20 ta' Jannar 2016, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti ġewwa Rabat, il-Marokk, biex tingħata manteniment ta' 30,000 MAD fix-xahar u l-intimat raġel tagħha jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €200,000 f'dota illi għadha ma tħallsitx.

16. Jirriżulta illi, apparentement, l-atti ta' tali proċeduri ġew notifikati lill-impjegata ta' l-intimat, u fit-**28 ta' Novembru 2016**, fil-proċeduri <u>Nru 176/1620/2016</u> (indikati f'xi atti wkoll bħala 2016/1620/176), il-Qorti ta' Rabat, il-Marokk ordnat lill-intimat iħallasha manteniment ta' 10,000 MAD u li jħallas l-ammont ta' €200,000. (fol 13)

17. Jirriżulta illi fl-4 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti appellat minn tali deċiżjoni stante illi stqarret illi l-manteniment mogħti mill-Qorti ma kienx suffiċjenti, u permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-**24 ta' Mejju 2017** mill-Qorti tal-Appell ta' Rabat, il-Marokk, fil-proċeduri <u>Nru 63/1606/2017</u> (indikati f'xi atti wkoll bħala 2017/1606/63), l-appell ġie miċħud u s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2016 ikkonfermat.

18. Jirriżulta illi fit-2 ta' Novembru 2017, ir-rikorrenti ppreżentat il-proċeduri odjerni sabiex id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Rabat, il-Marokk datata 28 ta' Novembru 2016 tiġi enforzabbli hawn Malta, fejn l-intimat jirrisjedi.

19. Jirriżulta illi l-intimat ġie notifikat bl-atti fit-2 ta' Jannar 2018.

20. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-27 ta' Diċembru 2017, **jiġifieri QABEL ma' l-intimat ġie notifikat bl-atti tal-proċeduri odjerni**, l-intimat ressaq Appell quddiem '*The First President of Rabat Court of Appeal and Counsellors*', proċeduri Nru 47/1622/2018, fejn talab illi d-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Novembru 2016 u kkonfermata minn l-Appell fl-24 ta' Mejju 2017 tiġi annullata.

21. Jirriżulta wkoll illi, fit-8 ta' Jannar 2018, l-intimat talab ukoll għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Appell tal-24 ta' Mejju 2017 li kienet, da parte tagħha, kkonfermat is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2016.

22. Jirriżulta illi, skond ix-xhieda mogħtija mill-konsulent legali Marokkin ta' l-intimat mogħtija fit-2 ta' Mejju 2018 (fol 114), fl-24 ta' April 2018 il-Qorti ħarġet ordni biex tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni datata 24 ta' Mejju 2017.

23. Jirriżulta illi, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fis-**<u>27 ta' Frar 2020</u>**, il-Qorti tal-Appell ta' Rabat, il-Marokk, fil-proċeduri <u>Nru 47/1622/2018,</u> ċaħdet l-appell ta' l-intimat peress illi d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2016 li huwa kien qiegħed jimpunja inħarġet fil-konfront ta' Hashim Kuduzovic filwaqt illi l-appell minnu intavolat fis-27 ta' Diċembru 2017 sar minn "Mr Hashim Kodozofetch", u l-Qorti tal-Appell qieset li, skond l-Artikolu 142 tal-Proċedura Ċivili, l-ismijiet tal-partijiet fl-ewwel istanza u fl-appell iridu jkunu l-istess, u dana kienx il-każ. Tali deċiżjoni ġiet eventwalment notifikata lill-intimat fit-13 ta' Lulju 2021. (fol 265)

24. Jirriżulta illi f'data mhux daqstant deċifrabbli imma ċertament li saret qabel is-27 ta' Ġunju 2020, l-konsulent legali tal-intimat jikkontendi illi appella mid-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Frar 2020.

25. Jirriżulta wkoll illi, nelfrattemp, l-intimat kien ressaq proċeduri ta' divorzju quddiem is-Social Court of First Instance ta' Casablanca fejn, fis-26 ta' Ġunju 2019, permezz ta' proċeduri 18/1626.6077, ġie degretat id-divorzju bejn iż-żewġ partijiet.

26. Jirriżulta illi, fl-atti tal-proċeduri Rik Ġuramentat 417/2018 li qed jimxu kontestwalment ma' dawk odjerni, l-intimat ippreżenta ittra bla data tal-Avukat Marokkin Brahim Amoussi fejn iddikjara illi "*the above-stated case is still being heard ... before the Court of Cassation .. Before the Court of Appeal*"

27. Jirriżulta, dejjem fl-atti tal-proċeduri Rik Ġuramentat 417/2018 li qed jimxu kontestwalment ma' dawk odjerni, r-rikorrent ippreżentat affidavit tal-Avukat Marzouk Hafida-Houles datata 12 ta' Lulju 2021 fejn qalet is-segwenti:

> *I, the undersigned Mrs Hafida Merzouk Esquire, Attorney at the Bar of Rabat (Kingdom of Morocco) do hereby certify that after checking the records books of the Appeal Court of Rabat, I found out that the judgment No 202, made in the case file No 47/1622/2018, to which case file No 1452/1622/2019 war attached, has not been subject to appear either in cassation or through a judicial review, as mentioned in the statement submitted by Mr Ibrahim Amoussi Esquire to the Court of Malta.*

28. Jirriżulta illi għalkemm l-konsulent legali Marokkin ta' l-intimat jikkontendi, f'Ġunju 2020, illi huwa intavola appell, aktar minn sena u nofs wara, ma nġiebu ebda provi illi attwalment tali appell qatt ġie uffiċjalment intavolat u ebda dokumentazzjoni mill-Qorti tal-Appell u/jew il-Qorti ta' Kassazzjoni, fejn jingħad illi hemm tali proċeduri pendenti.

## Ikkunsidrat

29. Jirriżulta illi, permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li sentenza mogħtija mit-Trial Court tar-Rabat, Marokk fit-28 ta' Novembru 2016, ma tiġix rikonoxxjuta f'Malta u għandha tiġi dikjarata bħala nulla u bla effetti fil-Liġi.

30. Jirriżulta illi t-talba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mit-Trial Court tar-Rabat, Marokk, tat-28 ta' Novembru 2016 hija l-meritu ta' kawża 1007/2017 FDP, fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic, li qiegħda tinstema' minn dina l-Qorti, kif komposta, u li sentenza definittiva dwarha qiegħda tingħata illum stess kontestwalment mal-kawża odjerna.

31. Jirriżulta illi f'tali kawża, ossija 1007/2017 FDP, li ġiet intavolata fit-2 ta' Novembru 2017, r-rikorrent odjern, Hashim Kuduzovic, ġie debitament notifikat

fit-2 ta' Jannar 2018 u ppreżenta d-difiza tiegħu fis-17 ta' Jannar 2018, fejn hemmhekk talab, fost affarjiet oħra, illi l-Qorti tiddikjara s-sentenza mogħtija mit-Trial Court ta' Rabat, il-Marokk fit 28 ta' Novembru 2016, bħala mhux enforzabbli a tenur tal-Artiklu 827 tal-Kap 12.

32. Jirriżulta illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fit-3 ta' Mejju 2018.

## Ikkunsidrat

33. Din il-Qorti tgħid, mingħajr ebda tlaqlieq, illi l-kawża odjerna hija abbuż ċar u lampanti tal-proċeduri ġudizzjarji, stante illi hija proċedura totalment inutili u bla bażi!

34. Din il-Qorti ma tistax tifhem għal liema raġuni l-abbli konsulent legali <u>ta' dak iż-żmien</u> tar-rikorrent ħassew il-ħtieġa illi jipproċedu b'kawża ta' din in-natura, meta dak minnhom mitlub f'din il-kawża jikkostitwixxi **<u>eżattament</u>** id-difiża illi huma kienu ressqu għan-nom tal-klijent tagħhom fil-proċeduri 1007/2017 FDP.

35. Din il-Qorti tixtieq tikkonkludi illi l-konsulenti legali ta' dak iż-żmien tar-rikorrent kellhom xi ħsieb legali profond u dettaljat li wassalhom sabiex ineffqu lill-klijent tagħhom l-ispejjeż ta' tali proċeduri, liema proċeduri huma totalment bla bażi u inutili – sfortunatament, tali ħsibijiet profondi u dettaljati ma jidhrux riflessi fil-provi prodotti mill-istess konsulenti legali, sakemm dawna ġew rimpjazzjati bil-konsulenti legali odjerni!

36. Din il-Qorti ser toqgħod lura milli timmulta lir-rikorrent, għax ma huwiex tort tiegħu, u ma hijiex ser tirreferi lill-konsulenti legali preċendenti tar-rikorrent lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għall-azzjoni fiergħa u vessatorja, u dana unikament peress illi ma għadhomx aktar parti mill-proċeduri odjerni.

37. Din l-azzjoni hija abbuż ċar tas-sistema Ġudizzjarja Maltija, u hija minħabba f'azzjonijiet bħal dawn, illi x-xogħol fil-Qrati tagħna dejjem jiżdied u kawżi jitwalu inutilment.

## Ikkunsidrat

38. Il-Qorti tqis illi ma għandhiex għal fejn toqgħod tirripeti dak ġia minnha dikjarat u deċiż fil-kawża fl-ismijiet Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic, Rikors Ġuramentat Nru 1009/2017 FDP, illi qed timxi kontestwalment mal-proċeduri odjerni.

39. Kull ma għandha tosserva, iżda, hija illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa qatt ma kien jaf bil-proċeduri ġewwa l-Marokk qabel ma ġie notifikat bil-proċeduri li l-intimata kienet nidiet kontrih bil-kawża 1009/2017. Madanakollu, jirriżulta mill-atti illi fis-<u>27 ta' Diċembru 2017</u> huwa intavola proċeduri tal-appell ġewwa l-Qorti tar-Rabat, Marokk, kontra id-deċizjoni tat-28 ta' Novembru 2016, filwaqt illi

attwalment r-rikorrent ġie notifikat bl-atti tal-kawża 1009/2017 FDP fit-2 ta' Jannar 2018 – possibbilment, ir-rikorrent kellu id-don tal-għarfien tal-futur u kien ġia jaf bil-kawża 1009/2017 FDP intavolata kontra tiegħu qabel ma għamel l-appell ġewwa il-Qorti tar-Rabat, il-Marokk!

40. Il-Qorti tagħmel tagħha il-konsiderazzjonijiet u osservazzjonijet, legali u fattwali, ġia espressi fil-kawża 1009/2017 FDP, li del resto r-rikorrent stess illi din il-kawża timxi flimkien magħha w il-partijet qablu li l-provi f'dik il-kawża japplikaw għal din odjerna.

41. Għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża Rikors Ġuramentat Nru 1009/2017 FDP fl-ismijiet "*Fatima Zahra Zeroual vs Hashim Kuduzovic*", il-Qorti tqis illi d-difiżi kollha mqajjma mill-intimata jimmerita illi jiġu milqugħa filwaqt illi t-talba rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

## KONKLUŻJONI

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimata, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**